ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 28** **IT-TLIETA 18 TA' MARZU 2014**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tlieta 18 ta' Marzu 2014 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Robert Reno Cremona, Charles Farrugia, Antoine Saliba Haig, Margaret Mercieca, Jerome Caruana Cilia, Sean Meli.

Il-Kunsilliera Jason Busuttil ġew skuzati minħabba impenji oħrajn.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba.

**28/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 27**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 27 li nżammet nhar it-Tlieta 18 ta' Frar 2014, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 27 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**28/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

28/02/02 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** irringrazzjat lill-Kunsillier Charles Farrugia talli ħa l-inizjattiva biex il-Kunsill jagħmel żjara ta' kortesija lill-President Dr George Abela qabel ma jispiċċa mill-kariga ta' President. Din iż-żjara serviet biex il-Kunsill jirringrazzja lill-President tas-servizz li ta lill-Pajjiz f'dawn il-ħames snin.

28/02/03 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-proġett tal-Heritage Trail jinsab fl-aħħar stadju tiegħu fejn ix-xogħolijiet ta' tisbiħ tal-pjazza f'tal-Ħlas inbeda u għandu jkun lest fil-ġimgħat li ġejjin**.** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** kompliet tinforma lill-Kunsill li wara li sar it-tindif ta' fejn se titwaqqaf il-picnic area twaħħlu l-bankijiet u l-bins u din iż-żona rikreattiva diġa bdiet tintuża mill-pubbliku.

28/02/04 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-proġett ta' kontra l-għargħar beda fażi oħra fuq il-pont ta' Triq San Sebastjan. Intant, ix-xogħlijiet fi Triq il-Wied jinsab għaddej ukoll fil-parti bejn Triq il-Mitħna u Triq il-Blata.

28/02/05 **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina ġibed l-attenzjoni tas-Sindku Rosianne Cutajar** biex il-Kunsill joqgħod attent meta joħroġ permessi ta' għeluq ta' toroq ladarba hemm xogħlijiet għaddejjin fi Triq il-Wied u fi Triq San Sebastjan u semma li l-Kunsill għandu jkun aktar kawt milli kien meta ħareġ il-permess għat-tiġrija taż-żwiemel fi Triq is-Sebħ. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** spjegat li f'seduta tal-Kunsill kien ġie deċiż li l-permess jinħareġ ladarba jkun hemm il-permess ta' *Transport Malta*. Fil-fatt fuq parir legali, il-Kunsill ħareġ il-permess minħabba li Transport Malta li hija l-awtorita' kompetenti fuq it-traffiku kif ukoll hija l-awtorita responsabbli minn toroq arterjali, ħarġet in-*no objection*. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** kompliet tispjega li legalment il-Kunsill ma kellux raġuni ma joħroġx il-permess ladarba Transport Malta ħarġet in-*no objection* tagħha. **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** qal li huwa ra l-korrispondenza fejn l-organizzaturi kellhom jagħmlu avviżi fuq il-gazzetti u li kien hemm kandidat għall-elezzjoni tal-Parlament Ewropej involut fl-organizazzjoni ta' dawn it-tiġrijiet. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** saqsiet x'inhi l-opinjoni ta' kull kunsillier dwar jekk il-kunsill għandux joħroġ permess għall-tiġrijiet taż-żwiemel. **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** irrimarka li l-Kunsill m'għandux joħroġ permessi biex isiru tiġrijiet taż-żwiemel sakemm hemm toroq magħluqin minħabba l-proġett ta' kontra l-għargħar. Il-kunsilliera ma kenux f'pożizzjoni li jirrispondu lis-Sindku u ġie deċiż biex meta jkun hemm talba simili din għandha tasal fil-Kunsill mill-inqas xahar qabel fejn il-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni waqt seduta tal-Kunsill jekk għandux jinħareġ permess.

28/02/05 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li fir-rigward tal-użu tas-sala taħt it-teatru Grieg, il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-persuni li qed jagħmlu użu minn din is-sala biex isir presepju mekkanizzat. F'din l-ittra saret talba biex ikompli jsir l-użu ta' din is-sala għall-iskop tal-

presepju mekkanizzat permanenti fejn l-ewwel fażi tiegħu għandha tiġi inawgurata lejn l-aħħar tas-sena 2014. **DOK 'A'**

Il-Kunsill iddeċieda nem.con biex jitlobhom jgħidu fhiex tikkonsisti l-ewwel fażi, filwaqt li din għandha tkun lesta u inawgurata sa' mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru 2014. Intant ukoll il-Kunsill se jkun qed jagħmel monitoraġġ tas-sitwazzjoni u jekk jara li mhux ħa jkun hemm żviluppi il-Kunsill jitlob l-iżgumbrament b'mod immedjat.

**28/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill bħala parti mill-kampanja edukattiva dwar is-separazzjoni tal-iskart separat inbdiet mill-Green Pak fejn tqassam materjal edukattiv flimkien ma' *voucher* biex ir-residenti jiġbru pakkett ta' boroż għall-użu ta' skart separat bħala inċentiv biex ikun hemm aktar parteċipazzjoni.

**28/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li wara li saret il-ħatra ta' Ms Sebastiana Tanti bħala *General Hand* (Skala 18 – Cleaner) fis-seduta preċedenti, l-impjieg beda fit-3 ta' Marzu 2014.

**28/02/08** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li s-sejħa għall-offerti ta' Pjazza Alexandra ġiet ippubblikata u tagħlaq fil-11 ta' April 2014.

**28/02/09** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li s-seduta tal-Kunsill li jmiss għandha tiġi *streamed live*.

## 28/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' FRAR 2014

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Frar 2014, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'B1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Frar 2014
**b)** *Bank Payments* Frar 2014.
**c)** *Petty Cash* Frar 2014.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Sean Meli** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva** l-pagamenti kollha.

## 28/04 MOZZJONIJIET

## 28/04/01 MOZZJONI – 96-2014(VI)

**Is-Segretarju Ezekuttiv saqsa lill-Kunsillier Charles Farrugia dwar il-mozzjoni 95 li kienet ġiet ippreżentata fis-seduta preċedenti iżda ma tressqitx għad-diskussjoni peress li l-kunsillier Farrugia ma kienx preżenti. Il-Kunsillier Charles Farrugia informa lill-Kunsill li kien qed jirtira l-mozzjoni nru 96-2014.**

**28/04/02 MOZZJONI – 99-2014(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet din il-mozzjoni:**

*Nipproponi li l-Unur Ġieh Ħal Qormi għas-sena 2014 jingħata lill-Onorevoli Ministru Marie Louise Coleiro Preca li mistennija tingħata mill-Parlament l-għola kariga fil-pajjiż, dik ta' President tar-Repubblika, għas-servizz li tat lill-Pajjiż u partikolarment lill-komunita' Qormija kemm bħala Membru Parlamentari kif ukoll bħala Ministru.*

**Il-Kunsilliera kollha** ssekondaw l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar 10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 99-2014 (VI). Il-Kunsill għandu jikkuntattja lill-Onor Marie Louise Coleiro sabiex tiġi ffissata ġurnata għaċ-ċerimonja tal-għotja ta' Gieħ Ħal Qormi li trid tingħata qabel il-ħatra ta' President tal-4 ta' April.**

**28/04/03 MOZZJONI – 100-2014(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet din il-mozzjoni:**

*Peress li numru ta' kuntratti jiskadu fil-granet indikati hawn taht, l-nipproponi li jinħarġu sejħiet għall-offerti fejn il-bordijiet tal-aġġudikazzjoni jkunu iffurmati hekk:*

<u>*Servizz ta' Perit jagħlaq fil-31 ta' Marzu 2014*</u>

*Chairperson: Rosianne Cutajar*
*Membri: Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Charles Farrugia, Antoine Saliba Haig, Robert Cremona*

<u>*Avukat (Konsulent Legali) jagħlaq fil-31 ta' Marzu 2014*</u>

*Chairperson: Rosianne Cutajar*

*Membri: Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Sean Meli, Antoine Saliba Haig, Jerome Caruana Cilia*

*Poloz ta' Insurance and Security jagħlaq fil-31 ta' Marzu 2014*

*Chairperson: Rosianne Cutajar*
*Membri: Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Sean Meli, Antoine Saliba Haig, Jerome Caruana Cilia*

*Tindif ta' Non Urban Roads jagħlaq fil-31 ta' Marzu 2014*

*Chairperson: Rosianne Cutajar*
*Membri: Ralph Puli, Charles Farrugia, Sean Meli, Jason Busuttil, Margaret Mercieca.*

*Resurfacing of Roads għalaq fil-31 ta'Jannar 2014*

*Chairperson: Rosianne Cutajar*
*Membri: Ralph Puli, il-Perit William Lewis, Charles Farrugia, Jason Busuttil, Margaret Mercieca.*

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 98-2014 (VI). Intant peress li dawn it-tenders jiskadu fi ftit ġimgħat u l-proċess tal-pubblikazzjoni u l-għoti tal-offerti jieħu ż-żmien, il-Kunsill qabel li jestendi dawn il-kuntratti sal-aħħar ta' Ġunju 2014.**

**28/05 RAPPORTI**

**28/05/01 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU GĦAS-SENA 2013 BL-AĠĠUSTAMENTI TAL-AWDITUR**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien hemm tlett aġġustamenti mill-awditur u għaldaqstant qed jerga' jitressaq ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2013 b'dawn l-aġġustamenti.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet** mozzjoni għall-approvazzjoni ta' dan ir-rapport finanzjarju għas-sena 2013 bl-aġġustamenti tal-awditur.
**DOK 'C'**

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni.**

**28/05/02 GĦAŻLA TA' KWOTAZZJONIJIET : SPORTS MONUMENT**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' kwotazzjonijiet dwar is-sejħa ta' kwotazzjonijiet sabiex isir il-monument li jikkommemora l-isports. Kien hemm kwotazzjoni waħda biss minn Joseph Aquilina bil-prezz ta' Eur3280. **DOK 'D'**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet** mozzjoni għall-għoti tal-kwotazzjoni lis-Sur Joseph Aquilina sakemm dan jiġi kkonfermat mir-rapport tal-perit tal-Kunsill.

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni.**

**28/05/03 APPROVAZZJONI TAL-ABBOZZ TAD-DOKUMENTI TAL-OFFERTI:**

**28/05/03/01 Servizz ta' Perit (Works Manager)**

Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-kamra l-abbozz tad-dokument tal-offerta ghas-Servizz ta' Perit, liema dokument kien ġie iċċirkolat u meħud bħala moqri. **DOK 'E'**

Il-Kunsill approva id-dokument nem.con u għandha tinħareġ is-sejħa.

**28/05/03/02 Servizz minn Konsulent Legali (Avukat)**

Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-kamra l-abbozz tad-dokument tal-offerta ghas-Servizzi minn Konsulent Legali/Avukat, liema dokument kien ġie iċċirkolat u meħud bħala moqri. **DOK 'F'**

Il-Kunsill approva id-dokument nem.con u għandha tinħareġ is-sejħa.

**28/05/03/03 Poloz tal-Assikurazzjoni u Sigurta'**

Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-kamra l-abbozz tad-dokument tal-offerta ghal-Poloz tal-Assikurazzjoni u Sigurta', liema dokument kien ġie iċċirkolat u meħud bħala moqri. **DOK 'G'**

Il-Kunsill approva id-dokument nem.con u għandha tinħareġ is-sejħa.

**28/05/03/04 Tindif ta' *Non-Urban-Roads***

Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-kamra l-abbozz tad-dokument tal-offerta għat-Tindif ta' *Non-Urban Roads*, liema dokument kien ġie iċċirkolat u meħud bħala moqri. **DOK 'H'**

Il-Kunsill approva id-dokument nem.con u għandha tinħareġ is-sejħa.

**28/05/03/05 Asfaltar (*Resurfacing*) ta' Toroq**

Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-kamra l-abbozz tad-dokument tal-offerta ghall-Asfaltar ta' Toroq, liema dokument kien ġie iċċirkolat u meħud bħala moqri. **DOK 'J'**

Il-Kunsill approva id-dokument nem.con u għandha tinħareġ is-sejħa.

**28/06 KORRISPONDENZA**

**28/06/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'K1-5'**

1. Korrispondenza mill-Għaqda Soċjo-Mużikali Anici fejn il-Kunsill ħa nota tagħha.

2. Korrispondenza mill-GAL XLOKK dwar il-Mizura 413.A5 fejn il-proġett tal-Kunsill ġie approvat sabiex jimmiljora parti minn Sqaq Awżara.

3. Disinn tal-mafkar għall-vittmi tal-logħob tan-nar mis-Sur Charlot Spiteri Magri. Il-Kunsill ihoss li hemm xi emendi żgħar li għandhom issiru u għaldaqstant għandu jiltaqa' miegħu l-Kunsillier responsabbli mill-wirt Storiku, is-Sur Charles Farrugia sabiex jitressaq disinn ġdid ħalli tkun tista' toħroġ is-sejħa tal-offerti.

4. Korrispondenza mill-Għaqda Qawmien dwar ħlasijiet pendenti ta' Eur2000 li skont din l-Għaqda din kienet l-attivita' speċjali msemmija fil-kuntratt 2011-2013. Skont l-istess għaqda l-attivita' li saret fis-sena 2011 kienet attivita' li kellha ssir fis-sena 2010. Il-Kunsill iddeċieda nem.con biex jaċċetta l-argument tal-Għaqda Qawmien u jħallas Eur 2000 tal-attivita' speċjali li saret f'Diċembru 2013 bħala parti mill-kuntratt 2011-2013.

   Fir-rigward tal-attivitajiet li nzammu fis-sena 2011 li baqgħu ma tħallsux peress li skont l-Għaqda Qawmien intilfu l-irċevuti mill-

istaff tal-Kunsill, il-Kunsill iddeċieda nem.con li jekk ikun hemm dikjarazzjoni mill-istaff tal-Kunsill responsabbli li jikkonferma li dawn l-irċevuti kienu waslu għand il-Kunsill u għal xi raġuni intilfu, il-Kunsill għandu jipproċedi bil-ħlas taz-zewg attivitajiet li jammontaw għas-somma ta' Eur1,500.

5. Talba minn għaqda ġdida teatrali, 4 Teen Productions, dwar kiri ta' mobile toilet f'Ħamis ix-xirka u l-Ġimgħa l-Kbira, għall-użu tall-atturi li se jieħdu sehem fil-prezentazzjoni teatrali li se ssir fix-xelter, il-Kunsill approva *nem.con* din it-talba.

**28/07 INFORMAZZJONI**

**28/07/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill li fuq nota pożittiva l-lokalita ta' Ħal Qormi hija l-aktar waħda li r-residenti tagħha li jagħtu demm, filwaqt li fuq nota negattiva il-lokalita' ta' Ħal Qormi qegħda fis-sitt post fejn l-aktar iseħħu reati kriminali f'Malta. Għaldaqstant is-Sindku Rosianne Cutajar saħħqet li għandha titkompla l-ħidma mal-pulizija biex ikun hemm aktar sigurta' fil-lokalita'.

**28/07/02** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** informa lill-Kunsill, li l-Kunsill ta' Ħal Qormi kien ir-raba' l-aktar li kellu parteċipazzjoni f'korsijiet għall-adulti. Fil-fatt huwa attenda għal ċerimonja fejn il-Kunsill ġie mogħti rikonoxximent dwar dan.

**28/08 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 8 ta' April 2014 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-08:45 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2014.